**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**vs**
**Peter Borg**

**Illum 20 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Peter Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 557979M.

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Jannar 2015 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ircieva minghand Judith Bakoush jew kiseb minghand Judith Bakoush xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

2. Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prosekuzzjoni ta' persuna ta' nazzjonalita' Maltija u cioe' ta' Judith Bakoush;
3. Bl-imgiba tieghu ikkaguna lil Judith Bakoush biza' li se tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgiba tieghu se tikkagunalha biza';

4. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' Judith Bakoush b'mod li kien jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Judith Bakoush.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lil Peter Borg bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 25 ta' Frar 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Judith Bakoush, mill-bidu tal-proceduri tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminiali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 26 ta' Jannar, 2015.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, *notebook* immarkat bhala Dok YF1, karti mmarkati bhala Dok YF2 u YF3, dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok YF4, stqarrija mmarkata bhala Dok YF5 u certifikat tat-twelid ta' Jeyan Ilewi mmarkat bhala Dok TC.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia, Judith Bakoush, Tansy Camilleri, Saviour Theuma, WPS 249 Marouska Debattista, PC 878 Jurgen Muscat, PS 731 Keith Vella.

Nhar id-19 ta' April 2016, l-Ispettur Yvonne Farrugia stqarret li nhar l-24 ta' Jannar 2015 kienu rcevew rapport fis-14:20hrs minghand Judith Bakoush fejn allegat li din kien saret taf lil Peter Borg u li f'April u Mejju tal-2014 kien accetta li jaghtiha hamess mitt ewro (€500) bil-patt li hi tatih elf ewro (€1,000) lura b'mitt ewro (€100) fil-gimgha. Wara li qatghet din is-somma hija sselfet elf u hames mitt ewro (€1,500), li kienu ghaliha u ghall-habiba taghha Ritianne, li taghhom Peter Borg ried tlett'elef ewro (€3000). Meta qatghet din is-somma, Borg xorta baqa' jfittixha, jigri warajha u jheddidha biex ittih il-flus. Sahansitra ridha tibqa' tipprostitwixxi ruhha anke meta kienet tqila. L-Ispettur Farrugia ziedet tghid li wara li rceviet ir-rapport, tat struzzjonijiet sabiex Peter Borg jigi arrestat. Saritlu wkoll tfittxija fid-dar u fil-garaxx fejn gew elevati notebook u zewg karti. L-ispettur Farrugia qalet li fl-istqarrija, Peter Borg, ghazel li ma jwegibx xi domandi, u ghalkemm ammetta li sellef xi flus lil Judith Bakoush ma qabilx li sellef il-flus b'imghaxxijiet gholjin. L-Ispettur Farrugia ikkonfermat li hija kelmet lil habiba ta' Judith Bakoush, Lisa Pace, li qalet li kienet taf li Peter Borg kien qed jigri wara Bakoush, pero' lilha qatt ma heddidha. L-Ispettur stqarret ukoll li ma nterrogatx lil Judith Bakoush, lanqas hadet passi kontra Bakoush rigward prostituzzjoni u lanqas tkelmet ma' Ritianne ghaliex Bakoush ma riditx tghidilha min hi ghax ma riditx tixhed kontra Peter Borg. Hija ccekjat jekk kienx hemm rapport minn Ritianne, li rrizulta fin-negattiv.

Ix-xhud Judith Bakoush, stqarret li taf lill-akkuzat pero' iddikjarat li ma tixtieqx tixhed kontra tieghu biex ma tinkriminax ruhha.

Tansy Camilleri esebiet estratt tac-certifikat tat-twelid ta' Jiaen Elewi li hu wild ta' Judith Bakoush u li twieled fl-14 ta' April 2015.

Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, li stqarr li Judith Bakoush bdiet tiehu children's allowance ta' €22.23 fil-gimgha fuq it-tarbija, Jiaen Elewi, b'effett mit-18 ta' April 2015. Meta mistoqsi rigward one-time maternity

payment, huwa stqarr li ghalkemm fir-records tas-Sigurta' Socjali tezisti, huwa ma kellux informazzjoni u seta' jipprezentaha darb'ohra.

WPS 249 Maruska Debattista stqarret li hija kienet prezenti meta Peter Borg inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali kif ukoll meta l-Ispettur Yvonne Farrugia kelmet lil Lisa Pace.

PC 878 Jurgen Muscat ikkonferma li huwa kien prezenti meta Borg inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali kif ukoll waqt l-arrest ta' Peter Borg izda ma kienx prezenti fit-tfittxija.

PS 731 Keith Vella stqarr li huwa kien mar perkwezizzjoni fir-residenza ta' Peter Borg gewwa 269, Ivy Mans, Flat 3, Triq il-Htajriet, il-Mosta, fejn kienu sabu zewg karti b'xi numri u notebook blu kif ukoll, kien mar ukoll perkwezizzjoni go residenza ohra li l-imputat kellu access ghaliha, gewwa 135, Triq Santa Venera, l-Imsida, liema perkwezizzjoni rrizultat fin-negattiv. Vella zied jghid illi z-zewg perkwezizzjonijiet saru fil-prezenza tal-imputat u saru minnu flimkien ma' PC 810 Antoine Galea. Fl-ahharnett Vella ikkonferma li huwa kien xhud fl-istatement tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza il-persuna li ghamlet ir-rapport, u cioe' Judith Bakoush giet ezentata milli tixhed stante li bix-xhieda taghha setghet tinkrimina ruhha. Il-persuni kollha li xehdu huma persuni li kellhom x'jaqsmu ma' l-investigazzjoni izda mhux persuni li setghu jaghti dawl car fuq il-fatti tal-kaz. Il-Qorti ghandha f'idejha l-istqarrija ta' l-imputat izda, l-Qorti m'ghandha l-ebda prova quddiemha biex issib htija minghajr dubju dettat mir-raguni fil-konfront ta' l-imputat.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 298C(1), 251B(1), 251A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull piena u htija.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**